MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru. 1187/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Francesca Pace ta' 17 il-sena, bint Doris Pace u missier mhux maghruf, imwielda Pieta nhar it-12 ta' Dicembru 1992 u residenti gewwa Blk J, Flat 4, Triq Giovanni Barbara, Hamrun, detentura tal-karta ta' l-identita` numru 38293M**

Il-Qorti,

Rat l-imputatazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata Francesca Pacae li giet akkuzati talli, nhar it-2 ta' Gunju 2010 f'dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommettiet serq ta' quick cash card, mahruga mil-H.S.B.C. f'isem Ruth Curmi Dimech u li matul l-istess gurnata tat-21 ta' Gunju 2010, ikkommettiet serq aggravat

bl-ammont ta' aktar minn €232.94 (mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu) u li izda ma jeccedix €2329.37 (elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu) bl-istess quick cash card liema serq jammonta ghal €585.47c u dan billi ghamlet uzu mil-istess quick cash card ghad-dannu ta' l-istess Ruch Curmi Dimech u l-H.S.B.C. bi ksur tal-artikolu 261(c), 267 u 340(c) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe minn serq aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skritura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` il-quick cash card ta' l-H.S.B.C. u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentemment ghamlet uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri l-quick cash card u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlet

qligh ta' €585.47c ghad-dannu ta' Ruth Curmi Dimech u l-H.S.B.C. u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qligh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Ruth Curmi Dimech u l-H.S.B.C. u dan bi ksur ta'l-artikou 309 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn dokument falsifikat u cioe` minn quick cash card mahruga minn awtorita pubblika u dan bi ksur ta' l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tal-11 ta' Novembru, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatha zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa tal-imputata u l-fatt illi l-imputata kienet taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-

reat. Inoltre l-imputata irrejalizzat li zbaljat meta sabet dina l-quick cash card appartenenti lil terzi u ghamlet uzu minnha u ghaldaqstant illum intrabtet sabiex trodd il-flus lil sidhom u sahansitra seduta stante hallset parti minn dan l-ammont.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 261(c), 267,340(c) u (d), 334, 183, 184, 308, 309 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhaom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-hatja bil-kondizzjoni li ma tikkommettux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta tordna lill-hatja thallas is-somma ta’ erbgha mija u hamsa u tmenin euro u sebgha w erbghin centezmu (€485.47) lil Ruth Curmi Dimech u l-H.S.B.C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------